Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 3/2016

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Cassar

Vs

Omissis

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Omissis, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Diċembru, 2015 u fl-erba' xhur ta' qabel:

1. Ipproduċa, biegħ jew xort' oħra ittraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Art. 8 (e) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Kellu fil-pusses tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minna bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali ċirkustanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.
3. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

4. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġentilment mitluba li f' każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (l) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-5 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' **tnax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – u ghall-hlas ta' **multa ta' elfejn ewro (€2000)** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Madankollu, jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba stante li l-istess Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li lkonkluzzjonijiet tal-istess esperti se jigu esebiti fi proceduri ohra pendent kontra terza persuna.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Omissis, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza in kwantu li sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tirriformaha in kwantu l-piena inflitta fis-sentenza billi tirrevoka l-istess piena u minflok, tinfliġġi

piena li tirrifletti t-tnaqqis li minnu kellu jibbenifika l-akkużat skond il-Liġi u l-prassi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Omissis huma s-segwenti w cioe':-

1. Li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-piena ma kkunsidratx dak stipolat fl-Artikolu 37 (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Li mingħajr preġudizzju għall-premess, jidher li l-Onorabbli Qorti setgħet ma kkonsidratx l-ammissjoni bikrija tal-akkużat fil-piena karċerarja inflitta.

Illi fil-każ odjern, minħabba l-ammissjoni bikrija tal-akkużat, ma tressqux provi; biss l-akkużat ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti, kif ukoll għamel Jacques Sammut li kien akkompanja lill-akkużat meta mar jixtri d-droga; ilkoll ikkonfermaw li l-akkużat kien biegħ il-Cannabis lil Sammut.

Dwar l-ewwel aggravju, l-akkużat ammetta fi stadju bikri li kien ittrafikka d-droga msemmija meta kien għadu ma għalaqx l-eta' ta' tmintax (18) –il sena u dwar dan ma jistax ikun hemm dubju. L-akkużat għalaq it-tmintax il-sena fit-28 ta' Diċembru, 2015 u ġie arrestat fid-29 ta' Diċembru, 2015 meta ftit minuti qabel, huwa kien xtara d-droga mingħand terza persuna.

l-ammissjoni tal-akkużat kienet għall bejgħ ta' droga qabel ma għalaq it-tmintax-il sena u hekk jirriżulta mill-istqarrija tiegħu, fejn qal li dan it-traffikar kien seħħ xi (10) darbiet fl-erba' xhur preċedenti:

> *Mistoqsija: Can you explain the period and occassions when this (drug trafficing involvement) happened?*
>
> *Tweġiba: It happened on around ten times and it was in the last around four months.*

Fit-trattazzjoni dwar il-piena, il-punt li l-akkuża ta' traffikar kienet qiegħda tirreferi għall-perjodu meta l-akkużat ma kienx għadu għalaq tmintax-il sena sfuġġa lid-difiża, kif ukoll jidher li sfuġġa lill-Onorabbli Qorti. L-artikolu 37 (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li:

> ***Fejn l-att jeew nuqqas magħmul minn minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b' ħażen u fil-każ ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli għal reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn.***

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-imputat limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta wara ammissjoni inkondizzjonata maghmula minnu quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuzi migjuba kontrieh, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Jikkontendi l-appellanti  li meta l-Ewwel Qorti giet biex teroga il-piena ghar-reati li taghhom kien qed jigi misjub hati hija ma applikatx fil-konfront tieghu l-attenwanti mahsub fl-artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali u dan billi fiz-zmien li gew kommessi ir-reati abbebitati lilu huwa kien ghadu taht l-eta'. Ukoll jilmenta illi l-Ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet minnha maghmula meta wasslet biex tikkalibra l-piena naqqset milli tikkonsidra l-ammissjoni bikrija maghmula mill-appellanti.

Ikkunsidrat,

Illi minn harsa hafifa lejn l-akkuza ghandu jirrizulta illi l-appellanti twieled fit-28 ta' Dicembru 1997 biex b'hekk allura huwa ghalaq it-tmintax-il sena  fit-28 ta' Dicembru 2015. Issa minn qari ta'l-istess akkuza jidher ukoll illi l-kaz jirrisali ghad-data tad-29 ta' Dicembru 2015 u ghall-erba' xhur precedenti ghal dina id-data. L-akkuza ewlenija ipprospettata mill-Prosekuzzjoni hija dik tar-reat tat-traffikar tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha. L-appellanti jigi akkuzat ukoll bir-reat tal-pussess aggravat u dak semplici tal-pjanta u raza tal-*cannabis*. Ghalkemm ma tressqu l-ebda provi quddiem l-Ewwel Qorti, minn qari ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti mal-arrest tieghu, liema stqarrija giet rilaxxjata fit-30 ta' Dicembru 2015, ghandu johrog illi huwa kien gie intercettat mill-pulizija gurnata qabel u cioe' fid-29 ta' Dicembru 2016

bl-ammont ta' mitt (100) gramma rezina tal-cannabis u erbghin gramma cannabis grass, tlett grinders, mizien elettroniku, xi karti uzati ghat-tipjip u xi sachets vojta relatati mal-uzu ta' droga ohra. Fl-istess stqarrija, izda, izid ukoll l-imputat illi f'xi okkazzjonijiet precedenti huwa kien qassam ftit mill-cannabis grass lil xi hadd minn shabu u irceva il-hlas ghaliha. Ighid illi dan gara f'ghaxar okkazzjonijiet fl-erba' xhur precedenti l-arrest tieghu. Dan allura ifisser illi ghar-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni biss u cioe' dik li titratta r-reat tat-traffikar, dan certament sehh meta l-appellanti kien ghadu minorenni billi kif inghad jirrizulta mill-akkuza illi huwa kien ghalaq it-tmintax-il sena jum biss qabel l-arrest tieghu.

Issa minn qari tad-decizjoni impunjata, ghalkemm l-Ewwel Qorti ghamlet studju bir-reqqa tac-cirkostanzi kollha mitiganti favur l-appellanti, madankollu ma jidhirx illi din ittiehedet in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena li finalment giet erogata favur l-appellanti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti elenkat ic-cirkostanzi kollha li wassluha ghal piena ta' sena prigunerija u cioe' il-fedina penali nadifa ta'l-appellanti, il-kollaborazzjoni tieghu mal-pulizija, il-fatt illi l-ammont tad-droga misjuba fil-pusess tieghu ma kienx wiehed negligibbli, kif ukoll l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-appellanti u dan fil-massimu tieghu.

Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-hsibijiet ta'l-Ewwel Qorti u ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed minnhom, madanakollu ma tistax tikkonferma il-piena erogata ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti ma qiesetx l-applikazzjoni ta'l-artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 fil-kalibrazzjoni tal-piena erogata fejn allura il-piena ghar-reat tat-traffikar kellu jitnaqqas bi grad jew tnejn. Illi tenut kont ta'l-ammissjoni bikrija ta'l-appellanti u tac-cirkostanzi kollha elenkati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghhha, din il-Qorti tqies illi l-piena ghalhekk ghar-reat tat-traffikar ghandu jitnaqqas b'zewg gradi.

Illi fir-rigward tat-tieni impunjattiva imressqa mill-appellanti, ghandu jinghad illi ghalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Qorti ma indikatx fid-decizjoni impunjata illi kienet qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni bikrija ta'l-akkuzat fil-

kalibrazzjoni tal-piena, madanakollu billi jidher illi l-piena applikata kienet dik vicin il-minimu taghha, allura certament il-fatt illi tali konsiderazzjoni ma issemmietx, ma wassalx sabiex tigi erogata piena differenti minn dik li kieku kienet tigi inflitta li kieku issemmiet tali konsiderazzjoni. Illi kif gie deciz:

**"… a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to statutory provision, does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…[1]"**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17(b)(h), 37(2) u 31 tal-Kodici Kriminali, qieghda tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellanti, tvarja il-piena inflitta billi tikkundannah ghal piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u multa ta' elf (€1000) ewro.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005